-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14 [Laqgħa Urġenti]

[Nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira iltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fl-4pm.

### MEMBRI PREŻENTI:

Conrad Borg Manché – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Membri tal-pubbliku

Kienu preżenti l-avukata Dr. Claire Bonello li kienet mistiedna biex tagħti rendikont tal-fatti dwar il-każ, kif ukoll biex twieġeb il-mistoqsijiet tal-kunsilliera. Prezenti ukoll ghal-din il-laqgha kien hemm is-Sur Simon Muscat u s-Sur Clint Scerri bħala applikanti tal-proġett.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri t'apoloġija

## 14.2 Pompa tal-Petrol: Appell [mistiedna Dr. Claire Bonello]

14.2.1 Is-Sindku rringrazzja lil kulħadd talli attendew għal-laqgħa u qal illi l-avukata Dr. Bonello se tagħti ftit informazzjoni qabel ma twieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

14.2.2 L-avukata Dr. Claire Bonello qalet illi m'hemm l-ebda provi li l-Kunsill kien jaf li din l-applikazzjoni tressqet quddiem il-board ghal-l-approvazzjoni tal-board ta l-ippjanar. Qalet illi l-applikazzjoni kienet saret fis-sena 1999 u ttieħdet deċiżjoni għoxrin sena wara. Qalet illi is-Sindku mar quddiem il-Planning Commission kumbinazzjoni habba applikazzjoni oħra u sab illi kienet qed tigi diskussa din l-applikazzjoni tar-rilokazzjoni tal-pompa għal gol gnien tal-Gzira u taħt dawn iċ-ċirkostanzi biss sirna nafu dwar din l-applikazzjoni.

14.2.3 Kompliet illi bħala parti mill-appell kitbet illi:

- Il-Kunsill ma kienx notifikat dwar l-applikazzjoni;
- L-applikazzjoni ma tirrespettax il-policy fil-pjan lokali li tgħid illi ċerti areas għandom ikunu 'public open spaces' u trid trodd lura l-istess ammont ta' spazju, fl-istess lokalita, f'każ illi tieħu parti minn 'public open space'.
- Din l-applikazzjoni taqa taħt il-'Fuel Station Policy' fejn din il-policy tisspeċifika valuri għall-ambjent u kumdita tan-nies u tħoss illi dawn ma ġewx irrispettati peress illi se jagħmel użu minn ġnien pubbliku
- Hemm issues oħra bħal, per eżempju, l-aċċess, veduti, nuqqasijiet fis-sens ta' SPED.

14.2.4 Kompliet illi t-Tribunal ma qabilx magħna u għalhekk sejrin il-qorti b'argumenti legali.

14.2.5 Dr. Bonello qalet illi kien hemm min semma li hemm riskji għall-Kunsill u anka għal individwi li jifformaw parti mill-Kunsill. Qalet illi m'hemm l-ebda verita f'dawn il-kliem u ħadd m'hu espost għad-danni jekk tiftaħ każ legali. Qalet illi kulħadd għandu dritt għall-appell u b'hekk ħadd ma jista jiġi espost għad-danni la jesprimi d-drittijiet tiegħu b'mod legali. Semmiet il-każ ta' dB fejn il-Kunsill, NGO's u residenti uzaw id-dritt tagħhom u rebħu.

14.2.6 Il-kunsillier H.Caruana staqsa għalfejn f'għoxrin sena ma ġara xejn. L-avukata C.Bonello qalet illi mhux tort tal-applikant illi ma sar xejn. Il-kunsillier H.Caruana qal illi rajna r-risposta tan-nies imma staqsa jekk hemm bażi biex nirbħu l-każ. L-avukat qalet illi temmen illi iva.

14.2.7 Il-kunsillier Shaun Farrugia staqsa għalfejn ma kienx hemm rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord.L-avukata qalet illi għal xi raġuni l-proġett ma kienx meqjus kbir u ġie deċiż mill-eprt. Qalet illi EIA's kollha jidhru quddiem l-PA imma għal xi raġuni din saret biss quddiem il-planning commission u mhux quddiem il-planning board fejn il-kunsill ikollu membru kif ukoll vot. Qalet ukoll illi minflok notice ta' ġimagħtejn tawna biss ta' ġimgħa.

14.2.8 Il-kunsillier A.Zammit staqsa jekk il-Kunsill se jappella wkoll fuq it-twessieħ tat-triq f'każ illi nirbħu l-appell. L-avukata qalet illi fuq l-istess pjan lokali hemm il-'link road'. Peress illi din qatt ma saret, dawk kollha li waqqfuqhom permessi qegħdin jappellaw. Is-Sindku qal illi l-issue tal-link road m'għandix x'taqsam mall-appell tagħna.

14.2.9 Il-kunsillier J.Cardona qal illi ra l-appell fejn fiha tlifna kull argument. Jixtieq jara l-awtoritajiet jaħdmu kif suppost, imma staqsa jekk nemmnu li għandna ċans biex nirbħu issa. L-avukata qalet illi avolja sabu oġġezzjoni fuq kull punt tall-appell ma jfissirx illi kollha kienu zbaljati. Qalet illi jekk wieħed jarahom sew, wieħed jara li ma tantx huma motivati t-tweġibiet tagħhom.

14.2.10 Il-kunsillier S.Farrugia staqsa jekk se nappellaw fuq il-permess in ġenerali? Jew li se ssir fil-ġnien? Qal illi per se l-ġlieda hija għall-fatt illi se juzaw parti mill-ġnien u mhux illi se ssir pompa tal-petrol.

14.2.11 Il-kunsillier I.Buhagiar staqsa jekk il-petrol station tista ssir in-naħa l-oħra tal-bridge ta' Manoel Island. L-avukata qalet illi suppost saret 'alternative site plan' izda din ma kinitx indikata anqas. Il-ġlieda tibqa fuq l-użu tal-ġnien u mhux li l-pompa ma ssir imkien.

14.2.12 L-applikant is-sur S.Muscat staqsa jekk jista jgħid kelma. Dan ġie rrifjutat peress illi kien preżenti biss biex jisma u mhux biex jipparteċċipa fil-laqgħa. Wara li ċerti kunsillier qalu li xtaqu jisimgħu l-versjoni tiegħu, is-Sindku fakkarhom dwar l-istanding orders waqt illi l-kunsillier A.Zammit qal illi kien avza lis-sur Muscat li jista jattendi għal-laqgħa izda ma jistax jitkellem.

14.2.13 Is-Sindku talab vott tal-Kunsill dwar jekk il-Kunsill għandu jappella għad-deċiżjoni quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Ivvottaw favur: Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-kunsilliera N.Chetcuti, J.Cardona, H.Caruana, I.Buhagiar, S.Farrugia, J.Borg. Il-kunsillier A.Zammit astenja.

## 14.3 Proposta dwar attivita fil-Ġnien u Konsultazzjoni pubblika dwar il-progett tal-Gnien

14.3.1 Is-Sindku qal illi bejn id-29 ta' Lulju u t-2 t'Awwissu, hemm talba biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali isir Summer Beer Garden fil-ġnien. Is-Sindku gie mistoqsi jekk minhabba ir-restrizzjonijiet li kien hemm minhabba l-imxija tal-COVID-19 hux ser inkunu affetwati. Is-Sindku wiegeb illi biex inkunu koperti ser tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, kif ukoll tal-pulizija. Żied illi se jkun hemm ħafna mużiċisti lokali u talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

14.3.2 Il-Kunsill qabel illi ssir bil-patt u kundizzjoni li jieħdu ħsieb l-indafa bil-lejl. Is-Sindku zied illi il-kundizzjonijiet kollha l-ohra kollha ser jigu diskuss fil-jiem li gejjin. Is-Sindku flimkien mal-Vici Sindku u il-Kunsilliera Jessica Borg u Neville

Chetcuti ser jieħdu parti f'dawn id-disckussjonijiet.

14.3.3 Is-Sindku qal illi l-idea tiegħu kienet illi fl-istess zmien isssir il 'public consultation' rigward il-proġett tal-ġnien u li din isir waqt l-attivita la jkun hemm izjed nies preżenti. Kien hemm qbil dwar dan is-suġġeriment.

## 14.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.4.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.15pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2020 fil-5pm, wara li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv għaraf lill-Kunsill illi mhux se jkun jista jattendi nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

Konfermati, illum 15 ta' Lulju 2020.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |